MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Rikors Numru. 5/2006

**Kunsill lokali Marsascala**

**vs**

**L-Avukat Generali, l-Prim' Ministru, l-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Dottor Ramon Rossignaud fil-kwalita' tieghu ta' Chairman tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, Joseph P. Demicoli fil-kwalita' tieghu ta' membru tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, Samuel Formosa fil-kwalita' tieghu ta' membru tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, Waste Serv (Malta) Limited u l-Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-Kunsill Lokali Marsaskala fejn gie premess:-

Illi fis-seduta tat-22 ta' Settembru, 2005, l-Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) approvat l-applikazzjoni numru PA 02838/03 maghmula mill-Waste Serv Malta Ltd ghal zvilupp fl-impjant ta' Trattament tal-Iskart ta' Sant' Antnin, Marsaskala soggetta ghal numru ta' kondizzjonijiet skond kif jirrizulta mill-permess datat 27 ta' Settembru, 2005 (Dok A) u dan nonostante l-oggezzjonijiet tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti ghamel uzu mid-dritt tieghu ta' Appell quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar ai termini tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp u ntavola appell nhar it-22 ta' Ottubru 2005 (Dok B).

Illi in vista tal-appell tar-rikorrenti quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar gew ipprezentati d-debiti risposti miz-zewg kontropartijiet u legittimi kontradditturi quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, ossia l-MEPA fl-1 ta' Dicembru, 2005, u l-Waste Serv (Malta) Ltd nhar il-25 ta' Novembru, 2005.

Illi r-rikorenti gie notifikat bl-appuntament ta' l-appell 322/05 b'ittra tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar tat-23 ta' Dicembru, 2005 (Dok C).

Illi l-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar hu kostitwit bis-sahha tal-artikolu 14 tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta) li, skond kif kien jaqra fid-data tal-presentata tar-rikors odjern, l-imsemmi Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar kellu jkun maghmul minn avukat u zewg persuni ohra li kull wiehed jew wahda kellhom jigi nominati mill-President li jagixxi fuq il-parir tal-Ministru responsabbli ghall-ippjanar tal-izvilupp ossija l-intimat Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. L-istess artikolu kien jipprovdi li l-membri tal-Bord setghu jergghu jigu nominati mill-gdid u li kull membru tal-Bord seta' jitnehha mill-President li jagixxi bil-parir tal-Ministru responsabbli ghall-ippjanar tal-izvilupp, ossia l-intimat Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. .

Illi s-socjeta' intimata Waste Serv (Malta) Ltd., li intavolat l-applikazzjoni PA 02838/03, ghandha bhala shareholders ewlenin il-“Malta Government Investments Ltd” u l-“Malta Investment Management Company Limited” (Dok D), ossija l-Gvern ta' Malta, u ghandha relazzjoni diretta mal-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent skond l-Organisation Chart ufficjali tal-istess Ministeru (Dok E). Inoltre, skond l-istess Organisation Chart ufficjali tal-Ministeru l-MEPA, li hi parti quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, ghandha relazzjoni indiretta mal-istess Ministeru.

Illi l-intimat Prim Ministru, l-intimat Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u d-“Director Environmental Policy and Initiatives” fi hdan il-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ripetutament esprimew ruhhom kemm f'laqghat mar-rikorrenti, kemm fil-pubbliku u kemm fil-mezzi tax-xandir favur l-applikazzjoni PA 02838/03.

Illi inoltre u b'mod sussidjarju l-mod kif il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar hu ffinanzjat skond l-artiklu 15 (8) tal-Kap.356 tal-Ligijiet ta' Malta jirrendih Tribunal mhux indipendenti mill-Awtorita' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar, liema Awtorita' hija parti fil-proceduri quddiem l-istess Bord.

Illi huwa car u manifest li f'mertu ta' appell bhal dak in kwestjoni ghar-ragunijiet varji li gew suesposti, ma tistax tigi assigurata l-indipendenza u l-imparzjalita' li kull Qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha jkollha ai termini tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li jigi dikjarat li, ghar-ragunijiet premessi l-hatra tal-membri, il-kompozizzjoni u l-finanzjament tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar fl-appell numru 322/05 li ntavolaw ir-rikorrenti tilledi d-dritt fundamentali ta' independenza u imparzjalita' quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi skond artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6(1) tal-

Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement jinghataw dawk l-ordnijiet, li jinhargu dawk l-atti u li jinghataw dawk id-direttivi li huma xierqa sabiex ir-rikorrenti jinghataw rimedju xieraq biex id-dritt Kostituzzjonali in kwestjoni ma jkunx pregudikat fl-appell iccitat.

**Risposta tal-intimati membri tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar**

Rat ir-isposta tal-Avukat Dottor Ramon Rossignaud, tal-Perit Joseph P. Dimech u tal-Perit Samuel Formosa fil-kwalita' rispettiva taghhom ta' Chairman u Membri tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fejn gie sottomess:-

Illi l-esponenti gew notifikati b'rikors kostituzzjonali pprezentat mill-Kunsill Lokali Marsaskala kontra l-Avukat Generali, il-Prim Ministru, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Waste Serv (Malta) Ltd, l-Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u kontra l-istess esponenti.

Fir-rikors kostituzzjonali qed jigi allegat illi l-komposizzjoni u l-finanzjament tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jiksru d-dritt fundamentali tar-rikorrent ta' indipendenza u imparzjalita' u ghalhekk gie mitlub li jinghata rimedju xieraq biex id-dritt kostituzzjonali tieghu ma jigix pregudikat fl-appell quddiem l-istess Bord.

Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi l-esponenti mhumiex il-legittimi kontraditturi f'dan l-appell u dan peress li l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, Kapitlu 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-artikolu 15(11) tieghu, jipprovdi illi kawza kontra l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghandha tigi istitwita kontra s-Segretarju tal-Bord u mhux kontra c-Chairman u l-membri li jikkomponu tali Bord.

Fit-tieni lok jigi ecceipit ukoll illi l-esponenti m'ghandhomx interess guridiku f'dawn il-proceduri u li ghalhekk mhumiex il-legittimi kontraditturi. Il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri huwa l-Gvern li ghandu x'jaqsam mal-hatra tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Bizzejjed jinghad li, anke jekk ghall-grazzja tal-argument ir-rikorrent jinghata ragun minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti

huma fl-impossibilita' guridika li jaghtuh ir-rimedju li huwa qed jitlob.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-tieni lok u fil-meritu, jigi osservat illi dak li qed jinghad mir-rikorrent mhux korrett peress li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp huwa Bord kwazi gudizzjarju li huwa ghal kollox indipendenti u imparzjali fl-operat tieghu u fil-finanzjament tieghu. Il-Bord ma jiehu struzzjonijiet minghand hadd, lanqas minghand l-Onorevoli Prim Ministru jew minghand l-Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent dwar kif huwa ghandu jiddetermina l-appelli pendenti quddiemu. Terga' il-Bord ta' l-Appell ghandu l-fondi tieghu stess u b'hekk huwa indipendenti minn awtoritajiet ohra.

Ghal dawn ir-rgunijiet l-esponenti talbu li din il-Qorti fl-ewwel lok tiddikjara li l-kawza giet impostata hazin fil-konfront taghhom u ghalhekk jigi ordnat li huma jigu estromessi minn dawn il-proceduri u fit-tieni tiddikjara li l-esponenti mhumiex il-legittimi kontradituri f'dawn il-proceduri u b'hekk tigi ukoll ordnata l-liberazzjoni taghhom u f'kaz, li z-zewg eccezzjonijiet preliminarji tal-esponenti jigu michuda, allura jigu michuda t-talbiet kollha tar-rikorrent stante li dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali taghhom huwa infondat kemm fil fatt u fid-dritt.

**Risposta tas-socjeta' intimate WasteServ**

Rat ir-risposta tal-intimati WasteServ Malta Limited fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament l-esponenti ma kisret ebda dritt fondamentali tar-rikorrent u l-harsien tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent mhux fdat lill-esponenti daqs kif l-esponenti mhix f'pozizzjoni twiegeb u tirrimedja ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti. Ghalhekk, l-esponenti mhix legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors promotur gie intavolat intempestivament stante illi sal-mument li l-imsemmi rikors gie intavolat, ir-rikorrenti ma sofrew ebda pregudizzju bbazat fuq il-pretensjonijiet migjuba mill-istess rikorrenti u ghalhekk, anke ghal din ir-raguni, l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Liberatjiet Fundamentali ma humiex applikabbli ghall-appell maghmul mir-rikorrent quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ghaliex dan ma jitrattax drittijiet jew obbligi civili tar-rikorrent u ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Illi wkoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif hu ormaj accertat mill-gurisprudenza, bord kompost kif hu kompost il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fih innifsu ma jilledix l-imparzjalita' u indipendenza kif qieghed jippretendi r-rikorrent u xejn ma jzomm lir-rikorrent milli jfittex ir-rimedji ordinarji li jista' jkollu taht is-sistema guridika legali nostrali. Ghalhekk, it-talba rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn gie sottomess:-

Illi preliminarjament, l-Awtorita' intimata mhix il-legittimu kontardittur fil-proceduri odjerni stante illi l-istess Awtorita' hija parti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar daqs kemm huwa parti l-Kunsill ta' Marsascala.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mihiex daqstant iehor il-legittimu kontradittur l-istess Awtorita' intimata u dan stante illi hija m'ghandha l-ebda rwol la fit-tfassil legislattiv u wisq anqas fil-mod li bih

jigu appuntati u mahtura l-membri tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar; li ghandu jerga' jigi ribadit li l-Awtorita' intimata tersaq quddiemu bhala parti, hu bord amministrattiv li jipprovdi l-possibilita' ta' "review" tal-istess decizjonijiet tal-Awtorita' intimata, u li l-istess Bord, bhal kull bord amministrattiv iehor, jigi mahtur skond procedura adegwata u li tissalvagwardja l-aspetti kollha ta' smiegh xieraq.

Illi in vista tal-premess, it-talbiet tal-Kunsill rikorrenti hekk kif dedotti kontra l-Awtorita' esponenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess Kunsill rikorrenti.

**Risposta tal-intimati Avukat Generali, l-Onor Prim Ministru u l-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent**

Rat ir-risposta tal-intimati Avukat Generali, l-Onor Prim Ministru u l-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent
fejn gie espost:-

Legittimu kontradditur

Illi preliminarjament, il-Gvern fl-azzjoni odjerna huwa rapprezentat mill-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, ghaldaqstant kemm l-Avukat Generali, kif ukoll l-Onorevoli Prim Ministru m'humiex il-legittimi kontraditturi u dana abbazi tal-artikolu 181B(2) u l-artikolu 181B(1) rispettivament tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Rimedju ordinarju

Subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent naqas li jezawrixxi r-rimedju ordinarju moghti lilu mill-ligi, inkluz id-dritt li jintavola appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, bil-konsegwenza illi dina l-Qorti ghandha l-fakolta li tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ta' dan

ir-rikors u dana abbazi ta’ l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta (vide “Melita Cable p.l.c. v. l-Avukat Generali et” deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell nhar is-16 ta’ Jannar 2006, pagni 8 sa 12).

L-inapplikabilita ta’ l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea

Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikawx ghal kaz odjern stante illi l-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar la huma biex jiddeterminaw xi akkuza kriminali u l-anqas biex jiddeterminaw xi dritt jew obbligu civili spettanti lir-rikorrent. L-approvazzjoni o meno tal-izvilupp mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar huwa fl-interess pubbliku, u ghaldaqstant jippartjeni ghad-dritt pubbliku, u ma jaffetwa ebda dritt civili appartenenti lir-rikorrenti.

Ebda ksur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea

Illi subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, in vista tal-mod kif jigi mahtur u kompost il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, ir-rikorrenti ma qed isofri ebda trattament lessiv taht l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Li tkun indipendenti u imparzjali ma jfissirx illi trid tkun bilfors Imhallef jew Magistrat (vide De Wilde, Ooms and Versyp judgement tat-18 ta’ Gunju 1971 Series A No 12 p 41 para 78; Le Compte, Van Leuven and Meyere judgement tat-23 ta’ Gunju 1981 Series A No 43 p 24 para 55).

Fil-kaz “Kenneth Brincat v. l-Avukat Generali et” deciz fl-10 ta’ Jannar 2003, l-Onorabbli Qorti Civili (Kompetenza Kostituzzjonali) f’pagna 45 tosserva illi “fir-rigward tal-hatra ta’ gudikatur, m’hemm xejn fl-opinjoni ta’ dina il-Qorti li jmur kontra d-drittijiet fundamentali stante li ssir bl-istess mod ta’ kif jinhatar Magistrat jew Imhallef.”
Fil-kaz Campbell v. Fell deciz fit-28 ta’ Gunju 1984, il-Qorti Ewropea irreteniet illi kien accettabbli illi membri ta’ tribunal dwar id-Dixxiplina fil-Habs ikunu appuntati mill-

Ministru responsabbli ghall-Habsijiet sakemm dawn ma kienux soggetti ghal istruzzjonijiet mill-Ministru fir-rwol gudikamenti taghhom.

Minn ezami tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi ligi ohra, minn imkien ma jirrizulta li l-Gvern ghandu l-fakolta' li jista' jordna lill-Bord kif ghandu jittratta u jirregola l-materja quddiemu.

Finalment, il-Gvern innifsu, bhala istituzzjoni, huwa soggett meta jigi biex jaghmel zvilupp, ghall-istess regoli emenenti mill-Kap.356 u ghaldaqstant il-ligi ma taghti lill-Gvern trattament specjali li jista' jitfa xi dubju dwar l-imparzjalita jew indipendenza tal-gudikant.

**Verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu 2006**

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu 2006 minn fejn jirrizulta li l-intimati membri tal-Bord tal-Appelli tal-MEPA iddikjaraw li l-istess bord hu finanzjat mid-drittijiet tal-appelli li hu jircievi kif ukoll minn penalitajiet li hu jircievi minn hlas ta' multi skond l-artikolu 58 tal-Kap.386 u ghalhekk l-istess Bord hu struttura ghalih kompletament indipendenti mill-MEPA jew minn xi agenzija ohra u ghandu l-istruttura tieghu ta' kif jithallsu d-drittijiet tal-membri li jimpjega huwa stess.

Semghet lis-Sindku tal-Kunsill Lokali rikorrenti, lill-Ministru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent, lill-Avukat Dottor Kevin Aquilina u lill Carmelo Schembri lkoll prodotti mill-Kunsill Lokali rikorrenti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kunsill lokali rikorrenti.

Rat in-noti responsivi tal-intimati WasteServ Malta Limited, tal-intimati membri tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, tal-intimati l-Avukat Generali, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2008 minn fejn jirrizulta li l-intimati Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iddikjaraw li n-nota ta' osservazzjonijiet

presentata mill-intimati l-Avukat Generali et ghandha titqies li giet ukoll presentata mill-istess Awtorita’ intiimata.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li r-rikors gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Fatti**

Jirrizulta li fit-22 ta’ Settembru, 2005, l-Awtorita’ Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) approvat l-applikazzjoni sottomessa mill-WasteServ Malta Ltd sabiex jigi zviluppat impjant ta’ trattament tal-iskart f’Sant’Antnin Marsaskala u dan ovvjament taht il-kondizzjonijiet kollha kif imposti mill-imsemmija Awtorita’. Dan il-permess inhareg fis-27 ta’ Settembru, 2005. Il-Kunsill rikorrrenti kien oggezzjona ghall-hrug ta’ dan il-permess. Fit-22 ta’ Ottubru 2005 l-istess kunsill rikorrenti appella mill-imsemmija decizjoni tal-MEPA u dan quddiem il-Bord ta’ Appell dwar l-Ippjanar skond il-provedimenti tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp - Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Rikors Promotur**

Fil-presenti rikors promotur ir-rikorrenti ppremettew li l-imsemmi Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar hu kostitwit bis-sahha tal-artikolu 14 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap 356 tal-Ligijiet ta’ Malta) u skond dan l-artikolu l-membri kollha tal-Bord, inkluz ic-chairman, jigu nominati mill-President tar-Repubblika fuq il-parir tal-Ministru responsabbli ghall-Ippjanar tal-Izvilupp cioe’ tal-intimat Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. L-imsemmi artikolu jipprovdi li l-membri kollha tal-Bord jistghu jergghu jigu nominati mill-gdid u li kull membru tal-Bord jista’ ukoll jitnehha mill-President, li, pero’, dejjem jagixxi fuq il-parir tal-istess Ministru intimat.

Skond il-Kunsill rikorrenti, l-azzjonisti ewlenin tas-socjeta’ intimata li applikat biex johorgu l-permessi in kwestjojni, cioe’ tas-socjeta’ WasteServ Malta Ltd, huma s-socjetajiet

Malta Government Investments Ltd u l-Malta Investment Management Company Limited. Skond ir-rikorrenti dan ifisser li l-azzjonist pricipali tas-socjeta' applikanti hu l-Gvern ta' Malta. Dejjem, skond ir-rikorrenti, hemm relazzjoni diretta bejn l-istess socjeta' applikanti u l-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u hemm ukoll relazzjoni indiretta bejn il-MEPA u l-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar. Il-Kunsill rikorrenti inoltre jallega li pubblikament l-intimat Prim Ministru u l-intimat Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent iddikjaraw li huma jaqblu mal-imsemmija applikazzjoni tas-socjeta' WasteServ. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll bil-fatt li kif hu finanzjat l-istess Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar jirrendih tribunal mhux indipendenti mill-MEPA, li hi parti interessata fil-proceduri in kwestjoni quddiem l-istess Bord.

Skond ir-rikorrenti dan kollu jitfa dubju serju dwar l-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Bord tal-Appell li irid jiddeciedi dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili. Minhabba f'hekk il-Bord tal-Appell ma jassigurax dak li trid il-Kostituzzjoni fl-artikolu 39(2) u dak li jrid l-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk il-Kunsill rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat li l-hatra tal-membri, il-komposizzjoni u l-finanzjament tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar fl-appell in kwestjoni jilliedu d-dritt fundamentali ta' independenza u imparzjalita' quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ai termini tal-imsemmijin artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kunsill rikorrenti qed jitlob li jinghataw id-direttivi kollha xierqa sabiex jigi assigurat li d-dritt in kwestjoni ma jigix pregudikat fil-konfront tal-istess Kunsill rikorrenti fl-appell de quo.

Fir-risposta taghhom l-intimati membri tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar sostnew fl-ewwel lok li huma mhux il-legittimi kontradittturi f'dawn il-proceduri stante illi l-artikolu 15(11) tal-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kapitlu 356) jipprovdi li meta ssir kawza kontra l-Bord tal-Appell in kwestjoni din trid tigi istitwita u indirizzata kontra s-Segretarju tal-istess Bord u mhux kontra l-membri tieghu. Fit-tieni lok gie eccepit li l-membri tal-istess Bord

m'ghandhomx interess guridiku f'dawn il-proceduri u kwindi ghalhekk ukoll huma mhux il-legittimi kontraditturi. L-istess eccipjenti, f'dan ir-rigward iddikjaraw li l-Gvern hu l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u dan peress li hu l-Gvern li jahtar il-membri tal-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. L-istess intimati ikomplu jsostnu li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp huwa bord kwazi gudizzjarju li huwa ghal kollox indipendenti u imparzjali fl-operat tieghu u fil-finanzjament tieghu peress li l-istess Bord hu finanzjat mill-fondi tieghu stess.

Is-socjeta' intimata WasteServ Malta Limited issottomettiet li hi mhux il-legittima kontraditrici f'dawn il-proceduri stante li hi mhux fdata bil-harsien tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent u stante li hi mhux f'pozizzjoni twiegeb u tirrimedja ghall-pretensjonijiet tar-rikorrent. L-istess socjeta' intimata eccepit li dawn il-proceduri gew intavolati intempestivament stante l-Kunsill rikorrenti ma sofra l-ebda pregudizzju sal-mument li gie presentat ir-rikors promotur. Fil-mertu s-socjeta' intimata qalet li l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li gew indikati mill-Kunsill rikorrenti ma humiex applikabbli ghall-appell in kwestjoni tar-rikorrent peress li l-istess appell ma jitrattax u ma jinvolvix xi drittijiet jew obbligi civili tal-istess Kunsill rikorrenti. Fil-meritu ukoll is-socjeta' eccipjenti sostniet li, skond il-gurisprudenza nostrana, l-komposizzjoni tal-Bord tal-Appell in kwestjoni ma jilledix l-imparzjalita' u indipendenza rikjesta mill-ligi u inoltre l-Kunsill rikorrenti ghandu rimedji ordinarji ohra.

L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) irrispondiet li hi mhux il-legittimu kontradittur stante li hi fil-proceduri tal-appell in kwestjoni hi biss parti kif inhu parti l-Kunsill rikorrenti u stante li hi m'ghandha l-ebda rwol fit-tfassil legislattiv u lanqas kif jigu mahtura l-membri tal-Bord intimat. L-istess Awtorita' intimata ssottomettiet li l-Bord ta' l-Appell in kwestjoni hu bord amministrattiv, li jigi mahtur skond procedura adegwata u li tissalvagwardja l-posibilta' li decizjonijiet tal-istess Awtorita' intimata jigu riveduti u inoltre l-Bord tal-Appell hu bord amministrattiv li jigi mahtur bis-salvagwardji kollha dwar is-smiegh xieraq.

L-intimati Avukat Generali, Onor. Prim Ministru u l-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent irrispondew illi f'din l-azzjoni l-Gvern hu rapprezentat mill-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u ghalhekk l-intimat Avukat Generali u l-intimat l-Onorevoli Prim Ministru mhux il-legittimi kontraditturi u dan skond il-provedimenti tal-artikolu 181B(1) u (2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre jeccepixxu li l-Kunsill rikorrenti ma ezawrix r-rimedji ordinarji li ttih il-ligi qabel ma inizja l-presenti proceduri u dan billi r-rikorrenti ma appellawx quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u ghalhekk din il-Qorti tista tiddeklina milli tiehu konjizzjoni tar-rikors skond l-artikolu 46(2) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta. L-eccipjenti jsostnu ukoll li l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea mhux applikabbli ghal presenti kaz stante illi l-proceduri lamentati quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma jiddeterminawx akkuzi kriminali u l-anqas ma jiddeciedu l-esistenza ta xi dritt jew obbligu civili li jispetta lir-rikorrenti.

L-istess intimati jissottomettu ukoll li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea peress li l-mod kif jigi mahtur u kompost il-Bord tal-Appell in kwesjoni bl-ebda mod ma ppregudika ir-rikorrenti, li mhux qed isofu xi trattament lesiv taht l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward l-istess intimati jsostnu li biex il-Bord jitqies li hu indipendenti u imparzjali ma hemmx bzonn li bilfors irid ikun presjedut minn Imhallef jew Magistrat. Il-provedimenti kontenuti fil-Kap.356 tal-Ligijiet ta' Malta, u lanqas xi ligi ohra, ma jipprovdu li l-Gvern ghandu l-fakolta li jordna lill-Bord kif ghandu jittratta u jirregola l-materji quddiemu.

**Eccezzjonijiet ewlenin**

Essenzjalment huma tnejn l-eccezzjonijiet principali li ghandhom jigu decizi u dawn jirrigwardaw fl-ewwel lok l-illegittimita' tal-persuna ghar-rigward tal-intmati kollha ad eccezzjoni tal-intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u fit-tieni lok l-aplikabilita' tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Europea, indikati mir-

rikorrenti, ghall-proceduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Gew sottomessi eccezzjonijiet ohra li ukoll ghandhom jigu trattati u decizi.

**Eccezzjoni tal-illegittimita’ tal-persuna**

Fir-rigward tal-eccezzjoni dwar l-illegittimita’ tal-persuna tal-intimati jigi specifikat li l-intimati kollha, bl-eccezzjoni tal-intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, eccipew li huma mhux il-legittimi kontraditturi f’dawn il-proceduri. F’dan ir-rigward l-intimati l-membri tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar ghamlu referenza ghall-artikolu 15(11) tal-Kapitlu 356 li jistipula li meta jittiehdu proceduri legali kontra l-Bord in kwestjoni tali proceduri ghandhom jigu istitwiti u indirizzati kontra s-Segretarju tal-istess Bord u inoltre, dejjem fir-rigward tal-istess eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur, l-istess eccipjenti ssottomettew li m’ghandhomx interess guridiku f’dawn il-proceduri.

Is-socjeta’ intimata WasteServ tissottometti li hi mhux il-legittimu kontradittur stante li hi mhux fdata bil-harsien tad-drittijiet fundamentali tal-Kunsill rikorrenti u hi mhux f’posizzjoni li twiegeb u tirrimedja ghal-pretensjonjijiet tar-rikorrenti. L-intimati Avukat Generali u Onor. Prim Ministru, fir-rigward tal-eccezzjoni taghhom li huma mhumiex il-legittimi kontradditturi, ghamlu referenza ghall-provedimenti tal-artikolu 181B(1) u (2) tal-Kap.12 tal-Ligjiet ta’ Malta. L-Awtorita’ intimata, ghar-rigward tal-eccezzjoni taghha tal-illegittimita tal-persuna, ssottomettiet li fil-proceduri tal-appell lamentati hi biss parti u li hi m’ghandha l-ebda rwol fil-hatra tal-membri tal-Bord tal-Appell.

Kif gia rilevat l-intimati membri tal-Bord tal-Appell ghamlu referenza ghall-artikolu 15(11) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp li jgħid:- “Meta jittieħdu proċeduri ġudizzjarji kontra l-Bord f’qorti ta’ ġurisdizzjoni ċivili …… is-Segretarju għandu jirrappreżenta lill-Bord f’dawk il-proċeduri.” Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu l-Kunsill rikorrenti jissottometti li agixxa kontra dawn l-intimati peress li huma kellhom sehem dirett fl-allegata leżjoni tad-dritt fondamentali tiegħu. Fl-opinjoni tal-Qorti l-ligi hi cara

f'dan ir-rigward u l-azzjoni ma kelliex tigi diretta kontra l-membri tal-Bord izda kontra s-Segretarju tal-istess Bord. Ghalhekk din l-azzjoni ma saritx in konformita' tal-imsemmi subartikolu u kwindi din l-eccezzjoni tal-membri tal-Bord tal-Apell ghandha tigi akkolta u l-istess intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Kwantu ghal dak li gie sottomess mis-socjeta' intimata WasteServ rigwardanti l-eccezzjoni taghha tal-legittimu kontradittur ghandu jinghad li hu evidenti li l-istess socjeta' intimata mhux fdata bil-harsien tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Pero' jekk jirrizulta li l-istess socjeta' intimata kissret id-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrenti hi xorta wahda trid twiegeb ghall-istess ksur. Hu minnu pero' li s-socjeta' intmata mhux f'pozizzjoni li tirrimedja ghal dak li qed jippretendi l-Kunsill rikorrenti. Inoltre l-istess socjeta' intimata hi responsabbli li ggib il-quddiem il-politika tal-gvern dwar l-organizzazzjoni, l-immaniġġjar u l-operazzjoni ta' sistemi għall-immaniġjar tal-iskart f'Malta. Għandha r-responsabbilta' ukoll li tieħu ħsieb l-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart u li tippromuovi kultura ta' tnaqqis fl-iskart u ta' żjieda fir-riċiklaġġ. Għall-finijiet tal-kawża odjerna, irid jingħad illi l-WasteServ m'għandhiex għax twieġeb għat-talbiet tar-rikorrent, peress li bl-ebda mod ma hija, jew qatt kienet, involuta fil-ħatra tal-membri, fil-komposizzjoni u fil-finanzjament tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Kwindi s-socjeta'intimata mhux il-legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Hekk ukoll l-Awtorita' intimata, ghar-rigward tal-eccezzjoni taghha dwar l-illegittimita' tal-persuna taghha f'dawn il-proceduri, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hi biss parti, bhal ma hu parti l-Kunsill rikorrenti, fil-proceduri in kkwestjoni quddiem il-Bord tal-Appell u stante li hi m'ghandha l-ebda rwol fil-mod li bih jigu appuntati u mahtura l-membri tal-istess Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar.

L-intimat Avukat Ġenerali u l-Onor Prim Ministru, dejjem fir-rigward tal-eccezzjoni taghhom li mhux il-legittimi kontradittur, ghamlu referenza ghal-artikoli 181B(1) u (2).

Skond dawn il-provedimenti l-Avukat Generali ghandu biss jidher bhala intimat in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta fl-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti tal-Gvern. Fil-presenti azzjoni l-Gvern ta' Malta hu rappresentat mill-intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent' kif del resto ddikjara l-istess intimat. Ghall-istess ragunijiet ukoll l-intimat Onor. Prim Ministru m'ghandux locus standi f'dawn il-proceduri u konsegwentement iz-zewg intimati Avukat Generali u Onor. Prim Ministru ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**Legittimu kontradittur**

Il-legittimu kontrdittur f'dawn il-proceduri hu l-Gvern ta' Malta kif rappresentat fil-presenti proceduri mill-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Hu l-Gvern ta' Malta, tramite l-Ministru intimat, li hu inkarigat mill-ligi li jahtar il-membri tal-Bord tal-Appell in kwestjoni L-eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur, sottomessa mill-intimati membri tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, mis-socjeta' WasteServ, mill-Awtorita' intimata, mill-Avukat Generali u mill-Onor Prim Ministru ghandha tigi akkolta u konsegwentement l-istess intimati ghandhom kollha jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Il-kawza ghalhekk ghandha tissokta biss kontra l-intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

**Eccezzjoni rigwardanti l-esawriment tar-rimedji ordinarji**

L-istess intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali u tal-Ambjent issottometta eccezzjoni li tittratta dwar r-rimedji ordinarji. F'dan ir-rigward l-istess intimat ecepixxa li l-Kunsill rikorrenti naqas li jezawrixxi r-rimedji ordinarji kollha moghtija lilu mill-ligi, inkluz id-dritt li jintavola appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u ghalhekk, skond l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti ghandha l-fakolta' li tiddeklina milli tiehu konjizzjoni tar-rikors u dan f'kaz li jirrizulta li r-rikorrenti ma esawrix r-

rimedji kollha li ttih il-ligi qabel ma intavola l-proceduri kostituzzjonali odjerni. F'dan ir-rigward il-ligi tipprovdi li jekk il-Qorti tqis li jkun hekk desiderabbli, tista tirrifjuta li tittratta u tiddeciedi r-rikors meta kien hemm jew seta' jkun hemm mezzi xierqa ordinarji ta' rimedju għall-allegat ksur.

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994, fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" wara li ezaminat numru ta' sentenzi qalet li "minn din ir-rassenja ta' sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji gjurisprudenzjali - (a) meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli; (b) din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni; (c) kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu; (d) meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandhiex tezercita gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' ser jirrimedja hlief in parte l-lanjanzi tar-rikorrent; (e) meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz; (f) meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

Essenzjalment dawn huma l-prinċipji ġenerali li l-Qorti tadopera sabiex tasal għall-konkluzjoni jekk tuzax id-diskrezzjoni tagħha. Fil-kawza "Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et" (Qorti Kostituzjonali – 5 ta' April 1991), l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kienet sostniet li minn ezami akkurat tas-subinciz (1) u (2) ta' l-

artikolu 46 (dak iz-zmien 47) jidher car li l-legislatur Malti ma riedx li jistabilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, ghandha dejjem u tassativament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taht il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha hafna dwar l-ezercizzju o meno tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha. Ovvjament, tali diskrezzjoni ghandha tintuza gustament u ragonevolment. Il-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Dicembru, 2003 (“Joseph Bartolo vs L-Onorevoli Prim Ministru et” irriteniet illi “r-regola li trid li min jirrikorri ghar-rimedju straordinarju jkun qabel fittex ir-rimedji ordinarji kollha ma hix xi regola teknika ta’ applikazzjoni awtomatika u thalli lill-Qorti diskrezzjoni biex tara jekk, fic-cirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun bizzejjed ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali, sabiex ma jsirx rikors ghar-rimedji straordinarji meta dawk ordinarji kienu jkunu bizzejjed.”

Hu ovvju li l-legislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, mill-banda l-ohra, pero’, dan il-proviso m’ghandux jintuza biex cittadin jigi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher prima facie li ghandu kaz serju li jista’ jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht l-imsemmi proviso ghandha dejjem tigi uzata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex minn naha l-wahda il-Prim Awla u l-Qorti Kostituzzjonali ma jigux inondati b’kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm rimedju effettiv taht xi ligi ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap.319. Kwindi fin-nuqqas ta’ disposizzjoni legali li tistabilixxi prinċipju assolut li wieħed għandu dejjem tassativament l-ewwel jadixxi Qorti ordinarja, minkejja l-possibbli esistenza ta’ rimedji ordinarji li ma gewx utilizzati mir-rikorrent, peress illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma serji bizzejjed u jissollevaw kwistjonijiet importanti ta’ dritt ikun aktar opportun li tittieħed konjizzjoni ta’ din il-kawza.

Fid-dawl ta’ dan kollu l-Qorti thoss li, anke kieku jirrizulta li l-Kunsill rikorrenti ma esaurix ir-rimedji kollha ordinarji l-Qorti m’ghandiex tiddeklina li tittratta l-ilmenti tar-rikorrenti, liema lmenti huma gravi u serji bizzejjed li ghandhom jigu decizi. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali jisthoqqilha li tigi rigetta.

**L-eccezzjoni ewlenija ohra rigwardanti l-applikabilta’ tal-artikolu tal-Kostituzzjoni u l-artikolu tal-Konvenzjoni kkwotati mill-Kunsill rikorrenti ghall-appell in kwestjoni**

Eccezzjoni ohra ewlenija hi dik tas-socjeta’ intimata WasteServ limited u tal-intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fis-sens li l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li gew indikati mill-Kunsill rikorrenti ma japplikawx ghall-appell tar-rikorrenti in kwestjoni peress li l-istess appell ma jitrattax u ma jinvolvix xi drittijiet jew obbligi civili tal-istess Kunsill u ma jiddeterminawx xi akkuzi kriminali u l-anqas ma jiddeciedu l-esistenza ta xi dritt jew obbligu civili li jispetta lir-rikorrenti. Din is-sottomissjoni tal-imsemmija intimati hi fis-sens li l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, invokati mir-rikorrenti huma inapplikabbli stante, li skond l-istess intimati l-approvazzjoni o meno tal-izvilupp mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar huwa fl-interess pubbliku, u ghaldaqstant jippartjeni ghad-dritt pubbliku, u ma jaffetwa ebda dritt civili appartenenti lir-rikorrenti.

Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rispettivament jistupulaw l-artikolu 39(2) li “kull Qorti jew awtorita’ ohra gudikanti mwaqqfa b’ ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita’ ohra guridika bhal dik, il-kaz ghandu jkun moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli.” Artikolu 6(1) jiprovdi li - “Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal

smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendneti u imparzjali mwaqqaf b'ligi." Ghalhekk jekk bid-decizjoni tal-Bord ser jigu determinati drittijiet civili l-istess Bord ghandu jkollu is-salvagwardji kollha dwar l-imparzjalita' u l-indipendenza li huma intrinsici ghal smigh xieraq pubbliku fi zmien ragionevoli. F'dan l-istadju jrid jigi esaminat jekk il-kwistjoni li ser tigi deciza mill-Bord tirrigwardax xi dritt jew obbligu ċivili.

Il-meritu ta' dak li ser jigi deciz mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar irid jirrigwarda drittijiet u obbligi civili u r-rizultat tal-proceduri quddiem l-istess Bord iridu jkunu direttament decisivi ghall-istess drittijiet jew obbligi. Fl-appell mid-deċiżjoni tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ippjanar, cioe' fl-appell in kwestjoni quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ir-rikorrenti jissottomettu li l-aspett soċjo-ekonomiku li ser ikollu l-impjant ta' Sant Antnin, kif ser jigi zviluppat ma ngħatatlux l-importanza li kien mistħoqq. Inoltre, dejjem skond ir-rikorrenti, ġew traskurati aspetti bħal turiżmu, impjiegi, popolazzjoni u l-użu sostenibbli tal-art. Jgħid ukoll illi ma sarux studji sew fuq l-impatt fuq ir-residenti tal-inħawi, speċjalment matul il-lejl, meta l-impjant kellu jibqa' għaddej jaħdem. Jilmenta minn ħmieġ u annimali li jista jattira l-impjant, li jistgħu jkunu noċivi għall-bniedem, bħal dubbien u ġrieden. Il-Kunsill rikorrent jgħid ukoll li l-impjant jinkludi "digestion plant" b'żewġt iċmieni ta' tliet tankijiet ta' "digestion" f'għoli ta' 15-il metru. Jgħid li ma sarux studji fir-rigward tat-tniġġis u l-frekwenza tat-traffiku. Skond ir-rikorrenti, l-impjant ser ikun ta' detriment għall-proprjeta kif ukoll għas-saħħa tan-nies u li l-Awtorita' ma ħaditx kont tal-effett kumulattiv ta' dan il-proġett. Dan huwa impjant li ghandu jittratta 71,000 tunnellata ta' skart fis-sena. Dwar it-tniġġis tal-arja, jgħid ir-rikorrent illi l-analizi li saret hija mibnija biss fuq statistika mill-ufficju meteriologiku ta' Hal Luqa, u ma ittieħdet ebda "sample on site" u dan kontrarjament għall-istandards tat-"TOF." Ġie injorat ukoll l-aspett ekoloġiku u storiku tal-widien li jwasslu għall-Magħluq u l-Wied tal-Baruni. Ir-rikorrenti jkomplu jissottomettu li fil-Magħluq jgħixu kolonji ta' pjanti u siġar li huma indiġeni u uniċi għall-flora Maltija u inoltre l-Kappella ta' Sant Antnin tinsab biss ftit il-metri bogħod mill-impjant.

Il-Kunsill rikorrent jallega illi għall-imsemmija raġunijiet, ir-residenti ta’ Marsaskala ser isofru dannu, riskju u inkonvenjent serju. Irid jigi rilevat li l-impjant in kwestjoni hu bini li jinsab fil-viċinanzi ta’ residenzi permanenti. Kif gia gie rilevat sabiex tigi determinata l-eccezzjoni in esami l-Qorti trid l-ewwel u qabel xejn tanalizza jekk il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar huwiex ser jiddeċiedi dwar xi dritt ċivili tal-Kunsill rikorrenti.

Ma jeżistix b’mod espress u esplictu d-dritt ċivili għall-arja u ambjent sani u nodfa la fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni. Lanqas ma jesisti esplicitament id-dritt, jew ahjar l-obbligu, ta’ Kunsill Lokali li jhares l-ambjent fil-lokalita’ tieghu fejn ser jghixu c-cittadini tal-istess lokalita’. Hawnhekk hu rilevanti li jigi esaminat kif ġie interpretat l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni mill-Qorti Ewropea. Dan l-artikolu 8 jgħid - “Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta’ daru u tal-korrispondenza tiegħu. M’għandux ikun hemm indħil minn awtorita’ pubblika dwar l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi meħtieġ f’soċjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta’ nazzjonali, sigurta’ pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta’ delitti għall-protezzjoni, tas-saħħa jew tal-morali jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta’ ħaddieħor.” L-interpretazzjoni li ngħatat lil dawn il-kliem ovvjament tapplika ukoll għall-Artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni li jitkellem fuq ir-rispett għall-ħajja privata u familjari.

L-awtur Cohen Johnathan ‘Respect for private and family life’ in Macdonald, Matscher and Petzold “The European System for the Protection Of Human Rights” f’pagna 405, kif ikkwotat mill-Qorti Kostituzzjonali f’sentenza tat-30 ta’ Ottubru 2009 (“Dottor Fredrick Zammit Maempel et v Kummissarju tal-Pulizija et”) jgħid hekk dwar l-Artikolu 8 – “One can consider anything having to do with personal health, philosophical, religious or moral beliefs, family and emotional life, friendships and subject to reservations, professional and material life as part of private life.” Inoltre, fir-rigward tad-dritt għall-ħajja privata fl-artikolu 8(1), ingħad mill-Qorti Ewropea illi hemm relazzjoni bejn

“serious environmental pollution” u r-rispett għad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja u d-dar, u fejn hemm “serious environmental pollution” hemm vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, u hekk ukoll fis-sentenza “Fadeyeva v Russia” fejn intqal li “there is no information that the State designed or applied effective measures which would take into account the interests of the local population, affected by the pollution, and which would be capable of reducing the industrial pollution to acceptable levels.”

F’ “Guerra and Others v Italy” il-Qorti Ewropea irreteniet illi n-nuqqas tal-Istat li jinforma l-popolazzjoni għar-riskji illi setgħu jinkorru minħabba impjant tal-kimika ifisser ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni b’dan li llum jista’ jingħad li l-istess artikolu jagħti protezzjoni lill-persuna li tkun tista’ tgħix fid-dar tagħha mingħajr inkonvenjent serju jew perikoluż minħabba problemi krejati bl-attivitajiet li jistgħu jsiru fil-viċinanzi li jkunu ta’ ħsara jew dannu għall-ambjent fejn hemm l-istess dar jew residenza, liema attivitajiet noċivi jinkludu attivitajiet perikolużi fihom infushom u ukoll tniġġis (pollution) tal-arja (bħal per eżempju b’minjieri) u ukoll attivitaijiet li jikkreaw ‘noise pollution’ (Powell and Rayner vs The United Kingdom – ECHR 21 ta’ Frar 1990).

Fil-kawża odjerna, din il-Qorti, ovvjament, mhux ser tidħol fil-mertu jekk fil-fatt hemmx xi lezjoni tal-imsemmi artikolu 8, pero’ minn dan ta’ hawn fuq, jirriżulta illi l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell fil-fatt huma sabiex jiddeterminaw drittijiet ċivili spettanti lill-Kunsill rikorrenti u lic-cittadini li jghixu fil-lokalita’ partikolari u mhumiex semplicement proċeduri dwar xi kwistjoni tal-ippjanar. Id-dritt ghall-ambjent san u nadif ghandu jitqies li hu dritt fundamentali u ghalhekk peress illi l-proċeduri in kwestjoni quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar u l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar jikkoncernaw u jiddeterminaw id-drittijiet ċivili rigwardanti appuntu li c-cittadin jghix f’ambjent san u nadif kif ukoll jirrigwardaw id-dritt u id-dmir tal-Kunsill Lokali li jhares u jiddeferndi l-ambjent tal-lokalita’ tieghu. Ghalhekk ir-rekwiżiti tal-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni huma sodisfatti u kwindi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, li d-decizjoni tieghu ser teffettwa, anke

indirettament, l-imsemmija drittijiet, ghandu jkollu s-salvagwardji kollha relattivi ghall-imparzjalita' u l-indipendenza li trid il-ligi fl-artikoli indikati mill-Kunsill rikorrenti u dan b'mod partikolari meta jkun qed jigi trattat u deciz l-appell in kwestjoni. Għal dawn ir-raġunijiet l-eccezzjoni in kwestjoni jisthoqqila li tigi michuda. Hu d-dover ta' Kunsill Lokali li jassigura li l-abitanti tal-lokalita'jghixu f'ambjent li jkun nadif u kemm jista jkun hieles mit-tniggis ta' kull xorta li jkun.

**Sinjifikat tal-kliem "indipendenti" u "imparzjali"**

Jonqos li tiġi analizzata l-eċċezzjoni tal-intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali u tal-Ambjent relattiva ghall-fatt li ma kien hemm ebda ksur tal-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward hu minnu dak li gie sottomess mill-imsemmi eccipjenti li l-kliem "indipendenti" u "imparzjali" ma ghandhomx jiftehmu li l-Bord ghandu jkun bilfors presjedut minn Imhallef jew Magistrat. Fis-sentenza fl-ismijiet "Kenneth Brincat v l-Avukat Generali et" deciza fl-10 ta' Jannar 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Kompetenza Kostituzzjonali) f'pagna 45 gie ossrvat li "fir-rigward tal-hatra ta' gudikatur, m'hemm xejn fl-opinjoni ta' dina il-Qorti li jmur kontra d-drittijiet fundamentali stante li ssir bl-istess mod ta' kif jinhatar Magistrat jew Imhallef". F'"Campbell et vs Renju Unit" deciza fit-28 ta' Gunju 1984, il-Qorti Ewropea irreteniet illi kien accettabbli illi membri ta' tribunal dwar id-Dixxiplina fil-Habs ikunu appuntati mill-Ministru responsabbli ghall-Habsijiet sakemm dawn ma kienux soggetti ghal istruzzjonijiet mill-Ministru fir-rwol gudikattiv taghhom."

Hu minnu ukoll dak li gie sottomess minn xi uhud mill-intimati li la minn ezami tal-porvedimenti tal-Kap.356 tal-Ligijiet ta' Malta, jew minn esami ta' xi ligi ohra, ma jirrizulta li l-Gvern ghandu l-fakolta illi jista' jordna lill-Bord kif ghandu jittratta u jirregola l-materja quddiemu. Inoltre il-ligi ma taghtix lill-Gvern  xi trattament specjali li jista' jitfa xi dubju dwar l-imparzjalita jew indipendenza tal-gudikant.

Da parti tiegħu, il-Kunsill rikorrenti, jgħid fit-talba tiegħu illi l-hatra tal-membri, il-kompozizzjoni u l-finanzjament tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, fl-Appell in kwestjoni, tilledi d-dritt fundamentali ta' independenza u imparzjalita' li trid il-ligi fl-artikoli gia imsemmija tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hawnhekk trid issir riferenza għall-leġislazzjoni, li biha gie mwaqqaf il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Dan il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar huwa mwaqqaf b'att XVII tal-1995. L-artikolu 14(1) ta dan l-Att jipprovdi li "għandu jkun hemm bord, li jkun magħruf bħala l-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, magħmul minn avukat, li jippresjedi, persuna esperta fl-ippjanar u persuna oħra, u kull waħda minnhom tiġi nominata mill-President li jaġixxi fuq il-parir tal-Ministru." L-istess artikolu jipprovdi li l-membri tal-Bord għandhom jibqgħu fil-kariga għal żmien tliet snin, u jistgħu jerġgħu jiġu nominati mill-ġdid u li membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga mill-President li jaġixxi bil-parir tal-Ministru, minħabba f'negliġenza maġġuri, konflitt ta' interess, inkompetenza, jew atti jew ommissjonijiet li ma jixirqux li jitwettqu minn membru tal-Bord.

Peress illi r-rikorrent jgħid fit-talba tiegħu illi l-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar fl-Appell mhuwiex indipendenti u imparzjali, għandha issir riferenza għall-ġurisprudenza sabiex wieħed jara' x'tifsira ghandhom jingħataw lit-termini 'indipendenti' u 'imparzjali.' Il-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Diċembru 1997, fil-kawża bl-ismijiet "Cecil Pace et vs Onor Prim Ministru et" ikkwotat minn deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tat-23 ta' Ottubru 1985, bl-ismijiet "Bentham vs l-Olanda" fejn ġie ritenut illi l-indipendenza hija kwalità kemm tat-tribunal kif ukoll tal-membri. Biex tribunal jitqies indipendenti irid ikollu s-setgħa li jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu fuq apprezzament awtonomu tal-fatti u tal-liġi li tapplika, mingħajr ma joqgħod fuq l-opinjoni ta' xi awtorità oħra. Id-deċiżjoni tiegħu trid tkun torbot u biex tinqaleb irid ikun hemm proċedura quddiem tribunal ieħor li jkollu l-istess indipendenza. Biex tribunal jissejjaħ indipendenti, hekk ukoll iridu jkunu l-membri tiegħu. Per eżempju jekk xi wieħed mill-membri jkun inferjuri mill-partijiet din l-

indipendenza hija affettwata. Jekk parti fil-kawża jkollha s-setgħa li tiddeċiedi jekk membru tat-tribunal jibqax membru jew le fil-Bord tal-Appell tal-Ippjanar, dak il-membru ma jkunx indipendenti.” Ghalhekk il-Bord in kwstjoni ghandu jitqies li hu indipendendi stante li minn imkien ma jirrizulta li l-Bord joqod fuq xi istruzzjoni jew ordni ta xi hadd iehor bhal ma hu l-Gvern.

Fis-sentenza gia citatata ta’ “Campbell u Fell vs Renju Unit” tat-28 ta’ Ġunju 1984, il-Qorti Ewropea irreteniet ukoll ghar-rigward tal- kelma “indipendenti” li - “In determining whether a body can be considered to be independent – notably of the executive and of the parties to the case – the Court has regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence” L-imparzjalita’ ukoll ghandha tkun kwalità tal-membri tat-tribunal, fis-sens li dawn ma jkollhomx preġudizzji jew simpatiji ma’ xi wahda mill-partijiet. F’“Hauschildt vs id-Danimarka” tal-24 ta’ Mejju 1989 intqal - “The existence of impartiality for the purpose of article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.”

Dwar il-membri li jikkomponu l-Bord in kwestjoni l-imparzjalita u l-indipendenza huma marbutin ma’ xulxin, jekk xi membru ma għandux indipendenza mill-partijiet, x’aktarx li huwa parzjali favur dik il-parti. Billi l-imparzjalita tqis l-atteġġjament tal-membri tat-tribunal, biex tara jekk tribunal huwiex imparzjali trid tqis dak it-tribunal partikolari bil-membri individwali tiegħu. Il-membri tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar jiġu nominati mill-President fuq parir tal-Ministru. Dawn ma jinħatrux ad hoc biex jisimgħu każ wieħed biss iżda għall-kuntrarju nħatru biex jisimgħu dawk l-appelli kollha li jiġu ppreżentati quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. L-iskwalifika ta’ xi membru tal-bord jew it-tneħħija huma speċifikati fil-liġi, għalkemm

hawnhekk irid jingħad illi r-raġunijiet tat-tneħħija ta' xi membru, fis-subartikoli 5 huma vagi, u li jagħtu lok għal interpretazzjoni wiesgħa ta' x'jistgħu jikkonsistu dawn l-atti jew ommissjonijiet 'mhux xierqa' li għalihom jista' jitneħħa mill-kariga xi membru. Is-subartikolu 4 jitkellem dwar it-terminu tal-ħatra, liema terminu jista' jerġa jiġi mġedded. Il-perjodu tal-ħatra tal-membri tal-Bord jiġi imġedded mill-eżekuttiv. Hawnhekk jiġi osservat illi din il-prospettiva ta' ħatra mill-ġdid tista' toħloq preġudizzju ta' simpatija lejn l-eżekuttiv u b'hekk tinħoloq ukoll theddida għall-indipendenza u l-imparzjalita ta' dak il-membru tal-bord bi prospettiva ta' ħatra mill-ġdid, u sussegwentament tal-bord innifsu,  b'mod partikolari f'kawża bħal dik odjerna fejn jista jinghad li l-eżekuttiv huwa prattikalment parti mill-proċeduri quddiem l-istess Bord tal-Appell tal-Ippjanar. Kwindi hawnhekk jonqos l-element tal-"appearance of independence" kif spjegat aktar 'l fuq mill-Qorti Ewropea f' "Campell et vs Renju Unit" u l-Bord, kif kompost ma jistax jingħad illi huwa indipendenti u imparzjali.

Hawnhekk tajjeb ukoll li  jigi nnotat li skond il-provedimenti tal-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni minn jallega li xi dritt fundamentali tieghu jkun gie, jkun qed jiġi jew ikun ser jigi miksur fil-konfront tieghu jista jitlob li jinghata rimedju. Konsegwentement sabiex issir il-kawża kostituzzjonali, proprju bħal fil-kaz in esami, m'hemmx bżonn illi r-rikorrent ikun diġa sofra preġudizzju, imma hu biżejjed li x'aktarx ser jiġi leż fil-konfront tiegħu xi wiehed mid-drittijiet fundamentali sanciti fil-Kstituzzjoni jew fil-Konvenzjoni, ukoll bhal fil-kaz in esami.

F'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li l-Kunsill rikorrenti jilmenta ukoll illi l-mod kif inhu iffinanzjat il-Bord irendih mhux indipendenti u mhux imparzjali. F'dan ir-rigward l-Artikolu 15(8) tal-Kap 356 (Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp) jistipula illi – " il-fondi meħtieġa mill-Bord għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, għandhom jiġu provduti mill-Awtorità. Din id-disposizzjoni taghti l-impressjoni li l-Bord tal-Appell jirċievi l-fondi kollha li huwa għandu bżonn għall-qadi ta' dmirijietu mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ippjanar. Dan jista jindika li l-Bord tal-Appell in kwestjoni hu soggettat ghall-imsemmija Awtorita' kwantu ghall-iffinanzjar tal-istess

Bord. Madankollu, ġie spjegat mix-xhieda prodotti illi l-Bord tal-Appell ghandu dhul mill-penalitajiet u mill-appelli li jinstemghu minnu (vide deposizzjoni tal-Avukat Dottor Kevin Aquilina). Ġiet inoltre spjegata l-proċedura  kif il-Bord tal-Appell jirċievi l-fondi mill-Awtorita'. Il-kontijiet tal-Bord isiru b'mod separat minn dawk tal-Awtorita' (MEPA). Parti mill-flus ivvutati lill-MEPA ikunu "subvoted" lill-Bord jiġifieri l-MEPA ma għandhiex għażla ħlief li tgħaddihom lill-Bord. Ix-xhud Carmelo Schembri qal li l-Bord tal-Appell jagħmel "subvention" lill-MEPA, li imbagħad tpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra l-"accounts" għall-approvazzjoni mill-Parlament. L-istess xhud spjega li hu effettivament il-Kabinet li finalment jivvota fondi ghall-uzu tal-Bord tal-Appell u zgur li mhux il-MEPA li tagħti l-flus lill-Bord tal-Appell. Carmelo Schembri xehed ukoll illi l-proċedura li tkun il-MEPA li titlob il-flus lill-Parlament hija sempliċiment sabiex issir talba waħda. Effettivament din hi n-normalita' fil-kaz ta' bordijiet li jkollhom il-poter li jiddeciedu kwestjonijiet li ukoll jistghu, b'xi mod, jinvolvu l-Gvern.

In effett l-ispjegazzjoni li ngħatat dwar il-finanzjament tal-Bord ma tirriflettix id-disposizzjoni tal-ligi li tistipula illi "l-fondi meħtieġa mill-Bord għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, għandhom jiġu provduti mill-Awtorità." Jista jiftiehem li l-Bord tal-Appell mhuwiex awtonomu mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ippjanar. Pero' wieħed ma jistax jinjora l-ispjegazzjoni li ngħatat mix-xhieda u fil-fatt ikun għaqli li dan is-subartikolu 8 jiġi rivedut sabiex jirrifletti aktar il-prassi segwita. Bl-artikolu kif jaqra llum, wieħed jifhem il-biża tar-rikorrent li huwa jista' jigi preġudikat, għax din id-disposizzjoni ma tagħtix l-"appearance of independence." Pero ġie imfisser u elaborat mix-xhieda illi x'inhi l-prassi segwita dwar l-ghoti ta' finanzi lill-Bord u kwindi wiehed jista jikkonkludi li ma hemmx dipendenza fuq l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ippjanar kwantu jirrigwarda l-iffinanzjar tal-Bord tal-Appell.

In vista ta dak kollu li gie premess ghandha tigi akkolta t-talba tal-Kunsill rikorrenti ghad-dikjarazzjoni li l-hatra tal-membri u l-kompozizzjoni tal-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar b'referenza partikolari ghall-appell in kwestjoni tilledi d-dritt fundamentali ta' independenza u imparzjalita'

quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi skond artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan b'referenza ghall-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u gall-artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni.

**Rimedji**

Kwantu ghar-rimedju ghandu jinghad li dak kollu li gie hawn fuq premess jirrigwarda b'mod specjali l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 356 tal-Ligijit ta' Malta. L-Att X tat-2010 maghruf bhala l-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp jipprovdi ghat-twaqqif ta' Tribunal iehor maghruf bhala t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Ghalhekk, kwantu ghall-appelli mid-decizjonijiet tal-MEPA, hemm zewg tribunali kompetenti li ghandhom l-istess funzjonijiet u l-istess setghat. It-Tibunal ta' Revizjoni u tal-Ambjent u l-Ippjanar ghandu jkun maghmul minn tliet membri, li wiehed minnhom ikun persuna kompetenti fl-ambjent jew fl-ippjanar tal-izvilupp, li ghandu jippresjedi u avukat u perit. Dawn it-tlett membri jigu nominati mill-President ta' Malta fuq il-parir tal-Ministru responsabbli ghall-ambjent. L-istess artikolu jghid li l-membri tat-Tribunal jibqghu fil-karika ghal erba snin pero' jistghu jergghu jigu nominati mill-gdid ghal terminu iehor ta' erba snin. Jipprovdi ukoll li l-membri tat-Tribunal m'ghandhomx ikunu soggetti ghall-kontroll jew ghad-direzzjoni ta' xi persuna jew ta' xi awtorita'. Kull membru tal-Tribunal jista jitnehha biss ghar-ragunijiet li hemm provdut dwarhom fl-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni. Hemm provdut ukoll li l-ispejjez kollha tat-Tribunal inkluz l-onorarju tal-membri jithallsu direttament mill-Fond Konsolidat. Hemm xi differenzi li jirrigwardaw, ovvjament it-titolu cioe' fl-isem, u d-durata cioe' it-"term of office" tal-membri tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ("Bord antik") u l-membri tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ("Tribunal gdid"). Hemm differenzi ukoll kwantu ghat-tnehhija tal-membri u kwantu ghall-iifinanzjar.

Jidher, pero', li l-imsemmi Att X tat-2010 ma abrogax l-artikoli 14 u15 tal-Kapitolu 356, liema artikoli ghalhekk baqghu fis-sehh probabilment sabiex il-Bord tal-Appelli

dwar l-Ippjanar (il-Bord antik) ikun jista jkompli jisma, jittratta u jiddeciedi dawk l-appelli li ghadhom pendenti quddiemu. Filwaqt li dawk l-appelli li jigu intavolati issa ghandhom jinstemghu u jigu decizi mill-Tribunal il-gdid. Probabilment malli jigu decizi l-appelli kollha li bhalissa huma pendenti, l-imsemmija artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 356 jigu effettivament abbrogati.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (il-gdid) ghandu l-elementi kollha li trid il-ligi (il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea) sabiex it-Tribunal jitqies li hu imparzjali u indipendenti sabiex ikun jista jiddetermina drittijiet civili bhal fil-kaz in esami. Difatti issa l-president u l-membri tat-Tribunal li ghadhom xorta wahda jigu nominati mill-President ta' Malta fuq il-parir tal-Ministru responsabbli ghall-Ambjent jibqghu fil-karika ghal zmien deteterminat li jista jiggedded ghal terminu iehor ta' zmien determinat. Hu specifikat, fil-ligi li t-Tribunal mhux soggett ghall-kontroll jew ghad-direzzjoni ta' hadd u tal-ebda awtorita'. Il-membri jistghu jitnehhew pero' biss ghar-ragunijiet li huma indikati fl-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni u cioe' ghall-istess ragunijiet li jista jitnehha Mhallef jew Magistrat u inoltre japplikaw il-garanziji kollha relattivi. Inoltre l-ispejjez kollha tat-Tribunal inkluz l-onorarju tal-membri jithallsu direttament mill-Fond Konsolidat, u cioe' bhal kif tithallas l-onorarja tal-Imhallfin. Kwindi anke mill-lat tal-finanzjament tat-Tribunal l-indipendenza u l-imparzjalita' tat-Tribunal hi assigurata.

Hemm il-possibilta li l-appell in kwestjoni jinstema mill-Bord kif nominat skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 356, liema Bord, kif gia gie rilevat, m'ghandux il-garanziji kollha kif rikjesti mill-artikoli in kwestjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Kwindi r-rmedju ghandu jkun li l-appell in kwestjoni jinstema mit-Tribunal kif kostitwit skond il-provdimenti tal-Att X tat-2010 oltre li ssir id-dikjarazzjoni li gew lesi d-drittijiet fundamental ital-Kunsill rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tillibera lill-intimati membri ta-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, lis-socjeta intimata

WasteServ, lill-Awtorita' intimata, lill-intimat Onor. Prim Ministru u lill-inimat Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju stante li mhumiex il-legittimi kontradittturi. Konsegwentement il-presenti sentenza qed tinghata biss fil-konfront tal-konvenut Ministru tal-Affarijiet Rurali u tal-Ambjent. Tiddeciedi billi fit-tieni lok tichad l-eċċezzjonijiet kollha tal-imsemmi intimat Ministru tal-Affarijiet Rurali u tal-Ambjent u billi fit-tielet lok billi tilqa t-talba tal-Kunsill rikorrenti u tiddikjara li l-ħatra tal-membri tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u l-komposizjoni tal-istess Bord tilliedi d-drittijiet fundamentali tal-Kunsill Lokali rikorrenti b'mod partikolari fl-appell in kwestjoni numru 322/05 in kwantu d-dritt fundamentali ta' independenza u imparzjalita' ta' qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi skond l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem gew lesi u dan b'referenza ghall-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u ghall-artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni u tordna, bhala rimedju, li l-istess appell ghandu jinstema u jigi deciz mit-Tribunal kif kostitwit skond il-provedimenti tal-Att numru X tal-2010.

Spejjez kollha jithallsu mill-intimat Ministru tal-Affarijjiet Rurali u l-Ambjent ad eccezzjoni tal-ispejjez tal-intimati l-ohra kollha li ghandhom jithallsu mill-Kunsill rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------